MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 11/2002

**Mary Pace Bardon**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Novembru, 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-appell jaqra hekk:-

"*Nota ta' Mrs Mary Pace Bardon (P.N. 01/061289)*
*Li biha tappella mid-decizjoni tad-Direttur lilha komunikata b'ittra datata 16 ta' Mejju 2002.*

*B'din l-ittra d-Direttur informaha li (a) kien irriveda l-pensjoni taghha b'effett minn Jannar 1996; (b) kienu dovuti lilha arretrati ammontati ghall-Lm4,398.052 u (c) kien sejjer jittrattjeni minn dawn l-arretrati Lm4,048.60 li d-Direttur jallega li kien hallas zejjed pensjoni lil mejjet zewgha.*

*Independentement minn dak ga sottomess lid-Direttur bl-ittra ta' Dr. Richard Farrugia, datata 21 ta' Mejju 2002, l-appellanti qeghda tissottometti:-*

*(1) L-Art. 98 (3) ta' l-Att tas-Sigurta` Socjali jghid li hlas li jsir bil-quddiem ghandu jibqa' jitqies li kien dovut lill-beneficjarju minkejja l-fatt li kien hemm xi bidla fic-cirkostanzi li kieku kienet teffettwa minnufih b'mod kuntrarju, r-rata tal-hlas.*
*(2) Differentement mid-diposizzjonijiet ta' qabel l-1990,illum, skond l-Art. 102, kull ammont li jkun thallas zejjed mid-Direttur jista' jingabar biss minghand il-beneficjarju li jkun irceva dan iz-zejjed u mhux minghand beneficjarju differenti.*
*(3) Skond l-Art. 1196 (1) tal-Kodici Civili, l-kompensazzjoni tista' ssir bejn zewg persuni meta dawk ikunu reciprokament debituri lejn xulxin. Fil-kaz prezenti d-Direttur huwa debitur lejn l-appellanti fl-ammont tal-pensjoni (inkluz l-arretrati) filwaqt li l-appellanti, bl-ebda mod, ma hija d-debitrici tal-ammont allegatament dovut mill-assi ta' zewgha.*
*(4) In-nuqqas tad-Direttur li dam sitt snin biex jirrevedi l-pensjoni tal-appellanti sejjer jikkaguna dannu serju lill-appellanti ghaliex, ghas-sena bazi 2002, jkollha thallas ammont rilevanti ta' taxxa tad-dhul mentri ma kenitx thallas taxxa peress li d-dhul taghha ma kienx jaqbez l-ammont ta' Lm3,000 kull sena,*

*Ghalhekk l-appellanti titlob li l-Arbitru jiddeciedi li (1) d-Direttur ghandu effettivament ihallasha l-ammont shieh tal-aretrati (Lm4,398.5) minghajr id-deduzzjoni minnu pretiza ta' Lm4,048.60 u (2) d-Direttur huwa responsabbli lejn l-appellant tad-danni kagjonati mid-dewmien tieghu (konsistenti fit-taxxa zejda li tkun trid thallas ghas-sena bazi korrenti).*"

Risposta tad-Direttur:-

"*B'risposta ghall-ittra ta' appell datata 29 ta' Mejju 2002 id-Direttur jaghmel referenza ghall-kaz "Pauline Micallef vs Direttur tas-Sigurta` Socjali" numru 192/99 deciz fit-12 ta' Ottubru 1999 bid-decizjoni numru 287/99 li tghid illi "l-hlas zejjed huwa dejn tal-komunjoni."*

*Dan johrog mill-artikolu 1320 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:-*

*"Fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidhlu –*

*(a) dak kollu li z-zewg partijiet mizzewga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom;*
*(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga"*

*Kif il-hlas tal-pensjoni jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti, hekk jaghmel ukoll il-hlas zejjed.*

*Id-Direttur izid ighid li la jista' u l-anqas m'hu mistenni jidhol fil-'modus operandi' tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghar-rigward ta' stima ta' taxxa dovuta mill-appellanti*."

Nota responsiva tal-appellanti:-

*(1) "Jiena ma naqbilx mar-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghal dawn ir-ragunijiet: (A) Ghalkemm il-hlas zejjed huwa dejn tal-komunjoni, il-pensjoni dovuta lill-appellanti ma tiffurmax parti mill-komunjoni (imma hija dritt personali parafernali taghha) u bl-ebda mod ma tidhol taht il-paragraf (a) u/jew (b) tal-artikolu 1320 citati mid-Direttur u ghalhekk id-Direttur ma jistghax jippretendi li ipaci l-kreditu tieghu mal-pensjoni dovuta lill-appellanti. (B) L-appellanti bl-ebda mod ma qed tikkontesta jew tikkritika l-agir futur tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni imma l-agir tad-Direttur li skond l-Att ghandu d-dover li jirrivedi l-pensjonijiet KULL SENA, izda dam hafna biex ghamel din ir-revizjoni, liema dewmien ikkaguna danni lill-appellanti.*
*(2) Il-punt ta' ligi jew principju ta' mportanza li fuqu tressaq l-appell tieghu huma dawn: Li d-Direttur ma*

*ghandux dritt, la skond l-Att u lanqas skond il-Kodici Civili li jaghmel kompensazzjoni bejn kreditu tieghu kontra zewg l-appellanti ma debitu tieghu lejn l-appellanti. Id-Direttur huwa responsabbli ghad-danni meta, kif fil-kaz prezenti, l-agir tieghu ma jkunx skond l-obbligi mposti fuqu mil-ligi.*

*Id-Decizjoni 287/99 ikkwotata mid-Direttur mhux applikabbli*".

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi effettivament zewg l-appellanti kien irceva hlas zejjed ta' pensjoni fis-somma ta' Lm4048.60.

Il-punt li jrid jigi deciz huwa jekk id-Direttur ghandux dritt jikkumpensa dik is-somma mas-somma ta' Lm4398.052 li l-appellanti hija intitolata ghaliha rapprezentanti arretrati taghha ta' pensjoni rizultat ta' revizjoni li saret b'effett minn Jannar 1996.

Artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali jipprovdi illi:-

"*(1) Hlief kif provdut fis-subartiklu (3) ta' l-artkolu 98 ta' dan l-Att, b'sehh mill-1 ta' April, 1978 kull persuna li tkun irceviet xi somma bhala beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att li ma kellhiex dritt ghalih skond id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandha thallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li ttih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan*

*Izda, b'sehh mis-6 ta' Jannar 1990 –*

*(i) meta dak il-hlas zejjed isehh b'rizultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' prezentazzjoni hazina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew prezentazzjoni hazina kienu jew ma kienux bi frodi) ir-rata ta' gbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna lilu jkolha dritt ghalihom wara dan ghandu jigi deciz mid-Direttur izda fl-ebda kaz ma ghandu jkun anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' beneficcju, pensjoni,*

*allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan; u*

*(ii) meta dak il-hlas zejjed isehh b'rizultat ta' xi eventwalita` li ma tkunx wahda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso ir-rata ta' gbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan ghandu wkoll jigi deciz mid-Direttur izda f'ebda kaz ma ghandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' beneficcju, pensjoni, 'allowance' jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan, sakemm il-beneficjarju jew il-pensjonant koncernat, skond kif ikun il-kaz, jitlob illi rata oghla ta' dak it-tnaqqis tigi effettwata izda hekk illi fi kwalunkwe kaz id-Direttur ma ghandu jkollu ebda dritt li jaghmel kull tnaqqis bhal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar hlasijiet zejda, li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-hlas zejjed irrispettivament mill-perijodu li ghalih dak il-hlas zejjed jirreferi.*

*Izda wkoll, hlief ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i) tal-proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu u d-disposizzjonijiet relatati mal-perijodu ta' snin li dwaru flus imhallsa zejda ghandhom jigu rifuzi kif imsemmi fil-paragrafu (ii) ta' l-imsemmi proviso, il-proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu ghandu, b'effett mis-6 ta' Jannar, 1990 japplika wkoll ghal kazijiet fejn dak il-hlas zejjed sar jaf bih id-Dipartiment f'xi zmien qabel is-6 ta' Jannar 1990 u dak il-hlas zejjed jew parti minnu kien ghadu dovut lid-Dipartiment wara d-data fuq imsemmija.*

*(2) Meta xi persuna tricievi b'qerq xi Beneficcju ghal Disimpieg, Beneficcju Socjali ghal Disimpieg jew Ghajnuna Socjali taht dan l-Att, u bejn l-1 ta' Novembru 1990 u l-31 ta' Dicembru 1990, iz-zewg dati nkluzi, minn jeddha marret u gharrfet lill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig bl-abbuz taghha dwar dan, dik il-persuna m'ghandhiex, ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, titqies li ghandha thallas lura lid-Direttur xi beneficcju jew ghajnuna kif imsemmija f'dan is-subartikolu li jkunu thallsu*

*lilha dwar kull perijodu sad-data li hekk tkun gharrfet lill-imsemmija Korporazzjoni.*

*(3) Meta xi persuna tkun tircievi xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li tithallas taht dan l-Att, u tkun naqset li thallas xi kontribuzzjoni tat-tieni klassi dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew tkun hallset kontribuzzjoni b'rata, jew ta' kategorija, jew ta' klassi li ma jkunux skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jista' jirkupra kull ammont dovut rigward dawk il-kontribuzzjonijiet permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance, jew ghajnuna li dik il-persuna ssir intitolata ghaliha wara, u r-rata ta' rkupru jew ta' dak it-tnaqqis tkun skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i) ta' l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.*

*(4) Meta persuna li tkun tircievi xi beneficcju,pensjoni, allowance jew ghajnuna li tithallas taht dan l-Att tkun irceviet xi ammont bhala beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att, u sussegwentement ikollha jedd ghal xi ammont f'daqqa bhala arretrati ta' xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li tithallas taht dan l-Att bhala rizultat ta' xi revizjoni, stima mill-gdid jew jedd ghal xi beneficcju, pensjoni jew allowance godda taht dan l-Att, ghaldaqshekk kull ammont li jkun ghadu dovut biex jithallas lura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandu, daqskemm dak l-ammont jista' jigi hekk imnaqqas, jigi mnaqqas minn kull arretrati li hija tista' sussegwentement ikollha jedd ghalihom kif imsemmi qabel*."

Minn ezami ta' dan l-artiklu jidher evidenti illi l-artikolu 192 precitat jirreferi ghal cirkostanzi fejn il-beneficjarju jkun thallas b'mod indebitu fi zmien precedenti bil-konsegwenza li jkun hemm dritt ta' kompensazzjoni. L-effett tal-artikolu 102 huwa illi filwaqt li taht il-ligi generali d-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghandu dritt izomm il-pagamenti kollha tal-beneficcju biex jithallas lura dak li hallas indebitament, l-Artikolu 102 imsemmi jillimitalu dan id-dritt l-aktar fejn il-hlas indebitu ma jkunx sar tort tal-beneficjarju. F'dak il-kaz id-deduzzjoni ma tistax tissupera

hamsa fil-mija (5%) f'kaz li jkun sar dovut mid-Direttur lill-beneficcjarju ammont f'daqqa bhala arretrati.

L-appellant isostni li stante li hija ma hiex l-eredi ta' zewgha allura ma hiex responsabbli ghall-hlas tad-dejn tieghu mad-Dipartiment. Fil-fehma tal-Arbitru din is-sottomissjoni ma hiex legalment korretta.

Jirrizulta illi meta sar il-hlas indebitu kien hemm viganti l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-appellanti u l-mejjet zewgha.

L-artikolu 1327 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:-

"*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin:-*

*(a) il-pizijiet u l-obbligi marbutin mal-beni skond l-att li bihom ikunu akkwistati;*
*(b) l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni ta' l-akkwisti, hlief dawk l-ispejjez li jsiru b'atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jsiru minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra.*
*(c) L-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigijiet tal-familja maghduda dawk ghall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied;*
*(d) Kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin;*
*(e) Djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, li l-utili tghha huma maghdudin fl-akkwisti;*
*(f) Kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.*"

Ghalhekk il-hlas indebitu de quo jirraprezenta dejn tal-komunjoni tal-akkwisti tal-appellanti u l-mejjet zewgha. Mal-mewt ta' zewg l-appellanti il-komunjoni tal-akkwisti giet terminata. Ma giex mgharraf l-Arbitru pero` jekk saritx id-divizjoni tal-beni appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Koppja mizzewga hija responsabbli in solidum ghad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. L-artikolu 1330 tal-Kodici Civili jipprovdiilli meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkun piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in susidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. L-arretrati ta' pensjoni dovuti lill-appellanti huma beni parafernali ghaliha. Ghalhekk il-ligi taghtiha d-dritt li titlob li d-dejn dovut lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali jithallas, jekk hemm, minn beni appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti.

Huwa biss f'kaz li dawn il-beni ma jissodisfawx il-kreditu tad-Direttur li d-Direttur ikollu d-dritt li jikkumpensa l-ammont lilu dovut mal-ammont ta' arretrati dovuti lill-appellanti. Dan ma jfissirx pero` li huwa obbligat li jhallas l-arretrati kollha lill-appellanti qabel ma jigi stabbilit jekk hemmx beni tal-komunjoni biex l-ammont dovut lid-Direttur jithallas. Jigi rilevat illi jekk hemm beni tal-komunjoni tal-akkwisti dawn ma jappartjenux kollha lill-appellanti. Konsegwentement hija ghandha dritt titlob li r-rifuzzjoni tal-ammont imhallas indebitament jigi sodisfatt mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux minn ammont lilha dovut personalment.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-Arbitru jilqa' parzjalment dan l-appell billi jirrevoka d-decizjoni tad-Direttur tas-16 ta' Mejju 2002 sabiex il-kaz jerga' jigi nvestigat mill-gdid b'dan illi l-appellanti ghandha zmien xahar mil-lum tipprezenta nota lid-Direttur li permezz taghha tiddikjara x'effetti tal-komunjoni tal-akkwisti jezistu biex minnhom jigi saldat l-ammont dovut lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali."

Minn din is-sentenza appellat Mary Pace Bardon. Hi tartikola l-obbjezzjonijiet taghha kontra dik il-parti tad-dsiposittiv tas-sentenza appellata li dwarha hassitha aggravata bil-mod li gej:-

(1) Il-pensjoni dovuta lilha hi wahda personali ghaliha u mhiex korrelata mal-komunjoni tal-akkwisti gja vigenti

bejnha u l-predefunt zewgha. Fil-fehma taghha pensjoni bhal din ma tirrientra taht l-ebda wiehed mill-ipotesijiet stabbiliti fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili;
(2) Id-dritt konsentit mil-ligi lid-Direttur bl-operat tal-Artikolu 102 tal-Kap 318 ma ghandux ifisser, fil-kaz partikolari, illi l-kompensazzjoni prevvista bis-subinciz (4) tieghu tista' ssir mal-ammont ta' arretrati ta' pensjoni dovut lilha;
(3) Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili ghall-kaz in ispecie l-Arbitru injora d-dispost u l-importanza tas-subparagrafu (a) tal-precitat artikolu. Hi tissottometti illi l-hlas zejjed li d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kien ghamel lil zewgha gie ottenut fuq informazzjoni inveritiera maghmula mill-istess zewgha. F'dan il-kuntest tirreferi ghall-ittra tad-Direttur tal-4 ta' Settembru 1987.

L-appellanti adduciet ukoll raguni ohra ta' aggravju fir-rikors tal-appell taghha. Dik riferibilment ghat-talba taghha ghad-danni. Minn ezami tas-sentenza attakkata ma jirrizultax li l-Arbitru inoltra ruhu fuq dan il-punt u ghalhekk ma kienx hemm ebda motiv li l-appellanti tqanqal il-kwestjoni dwaru, anki jekk minnha seta' kien intiz bhala semplici osservazzjoni u mhux strettament bhala gravam.

Il-Qorti tara li f'dan il-kaz ikun utli hafna ghall-ahjar konsiderazzjoni tal-aggravji sollevati illi jigu ri-epilogati, telegrafikament, l-aspetti l-aktar saljenti tieghu.

(1) B'ittra datata 16 ta' Mejju 2002 id-Direttur informa lill-appellanti illi kienet intitolata ghar-revizjoni tal-pensjoni taghha u dan b'effett mis-6 ta' Jannar 1996. L-ammont komplessiv dovut lilha kien ta' Lm4398.05,2. Fl-istess waqt id-Direttur appellat ippretenda li jaghmel tpacija bejn din is-somma u l-ammont ta' Lm4048.60 li kien thallas zejjed lil zewgha Frank Pace Bardon.
(2) Ir-raguni l-ghala kien qed jintalab ir-rimbors lura tas-somma mhallsa zejda hu spjegat fl-ittra tal-istess Direttur tal-4 ta' Settembru 1987 lill-appellanti. Dik, jigifieri, li zewgha "failed to declare that he was also in receipt of a service pension from the Treasury".

(3) L-appellanti ma qabletx mad-decizjoni ta’ l-Arbitru li jaghmel il-kompensazzjoni u kien minhabba dan li appellat mid-decizjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru.

Premess dan fuq elenkat huwa ovvju illi s-soluzzjoni tal-materja in diskussjoni tiddependi mit-twegibiet ghal dawn il-kweziti, u cjoe, (a) jekk il-pensjoni dovuta lill-appellanti ghandhiex tigi konsiderata bhala parti mill-attiv tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u (b) jekk, fuq il-fatti maghrufa, l-assi parafernali ta’ l-appellanti jwiegbux ghad-debiti tal-komunjoni.

Huwa pacifiku illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin tigi xolta mal-mewt ta’ wiehed mill-konjugi, u li minn dakinhar il-quddiem jinholoq stat iehor ta’ komunjoni bejn il-konjugi superstiti u l-eredi tal-predefunt: “condomino o socio al momento dello scioglimento della comunione degli acquisti” (**Vol XXI pIII p94**).

Huwa pacifiku wkoll illi l-pensjoni li kienet tithallas lil zewg l-appellanti hi meqjusa bhala akkwist jew frott tal-komunjoni. Salv dak li ser jinghad aktar l-isfel, rebus sic stantibus, dan ifisser illi huma l-beni ta’ din l-istess komunjoni li jridu jaghmlu tajjeb ghad-djun, kompriz allura l-pretiza tal-appellat ghar-restituzzjoni tas-somma mhallsa zejda lill-komunjoni meta Frank Pace Bardon kien ghadu haj.

Ghal dak li jikkoncerna l-pensjoni taghha, l-appellanti tikkontendi illi l-pensjoni dovuta lilha, li mill-ittra tal-4 ta’ Settembru 1987 hu maghruf li hi dik tar-romol, ma hija bl-ebda mod korrelatata mal-komunjoni tal-akkwisti in kwantu din hi dovuta lilha personalment. Hi tirritjeni dan, anke jekk fl-istess waqt tirrikonoxxi – u ma jistax ikun mod iehor gjaladarba dan jissuggerih espressament fil-parti ntroduttiva tieghu l-Art 31 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali – illi l-pensjoni taghha hi bazata fuq il-kontribuzzjonijiet imhallsa minn zewgha.

Issa huwa indubbju illi jezisti certu ness bejn il-hlas tal-kontribuzzjonijiet dedotti minn salarju u l-pensjoni akkordata. Allura, “data questa intima connessione tra il

salario e la pensione o gratificazione, e` giucoforza ritenere che come quello cosi anche questo costituisce un acquisto fatto dal marito e come tale sia compreso nella comunione degli acquisti, a norma dello inciso primo dell'articolo 1029 dell'Ordinanza No. VII del 1868" (illum Art 1320, Kap 16) – "**Caterina Degabriele –vs- Antoniette Cassar**", Prim'Awla, Qorti Civili, 20 ta' Marzu 1923, **Vol XXV pII p280**.

Ikun kontrosens pero` kieku kellu jissokta jigi ritenut illi ghax pensjoni tkun dovuta minhabba s-sodisfaciment tal-hlas tal-kontribuzzjonijiet, li setghu ukoll thallsu fil-kors tal-komunjoni, ergo pensjoni konsimili u li tithallas specifikatament lil min jormol tigi idejalment meqjusa bhala formanti parti minn komunjoni, li guridikament intemmet bil-mewt, u kwindi ma ghadhiex tezisti.

F'dan il-kuntest ghalhekk din il-Qorti tendenzjalment tinklina versu l-veduta sottomessa mill-appellanti illi l-pensjoni tar-romol dovuta lilha tappartjeni personalment lilha u mhux lil xi komunjoni li setghet kienet tezisti ma' zewgha.  Jew addirittura lil xi komunjoni gdida bejnha u l-eredi tal-predefunt.  Il-fatt li hi pensjoni tar-romol ifisser li hi esklussiva ghaliha, dato d-definizzjoni tal-kelma "armla" fl-Artikolu 2 ta' l-Att imsemmi.

Dan premess iwassal ghal din il-konsiderazzjoni.  Jekk l-appellanti hi l-unika beneficjarja tal-pensjoni appena riferita tista' din l-istess pensjoni taghmel tajjeb ghad-debiti tal-komunjoni.  Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan la hu possibbli in forza ta' l-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili, - li jipprovdi b'mod specifiku ghal dawk id-djun li jitbatew minn assi tal-komunjoni, - u lanqas in forza ta' l-Artikolu 102 tal-Kap 318.  Dan l-ahhar artikolu, rettament intiz, jahseb ghal kaz hemm kontemplat fejn il-persuna beneficjata tkun irceviet xi hlas zejjed meta dan ma kienx jimmeritaha, u jipprovdi wkoll ghall-mod kif id-Direttur jista' jigbor lura dik is-somma ndebitament imhallsa.

Jekk kif fuq inghad, id-debitu tal-hlas zejjed huwa, dejjem accettwat dak li ser jinghad infra ghal kaz 'de qua', esigibbli mill-komunjoni ma jistax ikun ammess li dan id-

debitu taghmel tajjeb ghalih l-appellanti b'assi taghha proprji. Il-kompensazzjoni, biex tissucciedi, tippresupponi l-ezistenza ta' debitur, u l-appellanti personalment ma tistax tikkwalifika bhala tali, anke jekk l-ammont dovut lura ma jinsabx kontestat.

Fis-sentenza appellata l-Arbitru filwaqt li mod jew iehor jesprimi ruhu fuq il-materja bi hsebijiet u osservazzjonijiet konformi ghal dan kollu appena espost, jghaddi, mbaghad, biex b'referenza ghall-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili jivventila l-punt illi f'kaz li l-beni tal-akkwisti, li fil-konfront taghhom l-appellat ghandu l-ewwel jidderiegi l-pretensjoni ghar-radd lura, ma jibbastawx, allura d-Direttur jibqalu d-dritt jinforza t-talba tieghu “in subsidium” kontra l-beni parafernali tal-appellanti. In konsegwenza ta' din id-deduzzjoni l-Arbitru adotta l-prekawzjoni traccjata fil-parti operativa tad-decizjoni tieghu. Dik jigifieri illi qabel ma d-Direttur ihallas l-arretrati kollha tal-pensjoni dovuta lill-appellanti ghandha tigi preventivament accertata l-konsistenza tal-beni tal-komunjoni.

Ir-rejazzjoni tal-appellanti ghal din il-parti tad-dispositiv tas-sentenza hi artikolata fis-sens illi l-Arbitru injora l-proviso (a) tal-istess Artikolu 1330 citat minnu. Fl-interita` tieghu dan il-proviso jippreskrivi illi meta d-dejn jew indenniz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat maghmul bir-rieda ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba izda se mai fil-konfront tal-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba.

Issa l-appellanti tadduci mill-ittra tal-4 ta' Settembru 1987, minnha esebita flimkien mar-rikors ta' l-appell, u li ma jidherx li kienet ingiebet ghall-attenzjoni tal-Arbitru, illi n-nuqqas ta' divulgazzjoni minn zewgha lid-Dipartiment tal-fatt li hu kien jippercepixxi “service pension” kien jammonta ghall-att li certament “huwa reat maghmul bir-rieda minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg” u li per konsegwenza l-beni parafernali ma kellhomx jirrispondu lanqas in subsidium ghad-dejn in ezami.

Jidher li l-proviso appena riportat tal-Art 1330 jirrikollega ruhu ghas-subinciz (f) tal-Artikolu 1327. Hemm ukoll jinghad illi l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jaghmlux tajjeb meta l-indennizz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat ikun sar bir-rieda.

Issa l-ligi ma tiddefiniex x'ghandu jkun komprensiv ta' "reat" fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kodici Civili jew jekk din il-kelma ghandiex tinftiehem fis-sens tal-Kodici Kriminali. Hu x'inhu l-Qorti tifhem illi z-zamma ta' taghrif utili li b'konsegwenza iggib beneficcju lil dak li jkun meta dan legalment ma jkunx intitolat ghalih, b'dan il-mod qed jikkarpixxi l-kunsens u l-bona fede tal-paganti. Tali sitwazzjoni hi prevvista wkoll taht l-Att innifsu dwar is-sigurta` socjali li in linea generali jqis bhala reat "kull min jikser jew jonqos li joqghod ghal xi wahda mill-htigijiet ta' dan l-Att" (Art 119). B'mod specifiku, imbaghad, jikkostitwixxi reat taht dak l-Att kull min xjentement jew bi traskuragni jaghmel dikjarazzjoni falza jew juri haga b'ohra jew fi frodi jonqos milli jirraporta lid-Direttur qabel ma jircievi xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenzi materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata, dak il-pagament (Art 117 (1)(i) u (iii)).

Gjaladarba n-nuqqas tal-predefunt zewg l-appellanti jikkwalifika bhala reat dan necessarjament ifisser illi la l-komunjoni tal-akkwisti u wisq anqas il-beni parafernali tal-appellanti ma huma guridikament kostretti jaghmlu tajjeb ghad-dejn pretiz mill-appellat. F'kaz bhal dan huma l-beni parafernali tal-predefunt stess li jirrispondu ghal riparazzjonijiet civili dovuti ghar-reat kommess – "solamente coi proprii beni e non mai con quelli rientranti nella communione degli acquisti" (**Vol XXIV pIV p946**; **Vol XXXVIII pII p604**) jew dawk parafernali tal-appellanti, li f'kaz bhal dan, jinsabu appuntu eskluzi mill-portata tal-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili.

Raggunta din il-konkluzjoni ma jidherx allura li huwa l-kaz li jsir dak ordnat mill-Arbitru fid-dispositti tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi u in raguni tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula din il-Qorti tilqa' l-appell interpost u b'hekk

thassar u tirrevoka d-direttiva kontenuta fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata. Tirrimetti l-process lura lill-Arbitru biex jekk ikun il-kaz dan jiddetermina l-kwestjoni tad-danni pretizi mill-appellanti fuq l-assunt konfigurat minnha tal-allegat dewmien da parte tad-Direttur appellat fir-revizjoni annwali tal-pensjoni taghha.

In vista tac-cirkostanzi specjali trattati f'dan il-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------